MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2329/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Alessandro Petrella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm184) rappresentanti in kwantu ghal Lm160, l-import ta' sitt kambjali annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti 1,2,3,4,5 u 6 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' Lm24 bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut sad-data tal-presentata ta'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160), kif ukoll is-somma ta' erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24), bhala imghaxijiet dovuti sal-20 ta' Novembru 2003, flimkien ma' l-imghaxijiet legali ulterjuri minn din id-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------